## LILL-MUŻKA MELANKONIKA

*Ta'* Vincent Caruana

Kull meta waħdi nkun fis-skiet f'kamarti
U qalbi nħossha bir ta' dwejjaq fond,
Kull meta nħoss li s-sħab magħqud sewdieni
Tal-ħajja tiela' 'l fuq mill-orizzont,

Ejj' int ja mużka w b'noti jmissu 'l qalbi
Farraġni bl-istess swied il-qalb li ssemma',
Għax — b'xi misterju — n-noti kollhom dieqa
Ibattlu d-dieq li l-qalb tkun ilha ġġemma'.

Kull meta waħdi nkun miktdud f'kamarti
U qalbi ma tibkix għax issa nksiet
B'saffi ta' ġrieħi, li biż-żmien imfejqa,
Rabbew dwar qalbi kisja iebsa żnied.

Ejj' int ja mużka w ibki int minfloki
Sabiex id-dieq li ma nbattalx fi dmugħ
Minn qalbi tbattlu int u fiha tnissel
Imqar għal dak il-ħin bħal balzmu jfuħ.

Kull meta nkun fil-beraħ taħt is-sema
U waħdi mħasseb niżen qalbi tqila,
Kull meta nkun fil-beraħ u nħoss qalbi
Magħluqa f'ħabs b'kundanna twila, twila,

Ejj' int ja mużka w b'daqqiet twal tan-noti
Agħti daqqiet fuq il-katnazz u kissru
Għax il-muftieħ xortja rmiet fil-baħar
Tad-dwejjaq kbar li ma jistgħux jitfissru.

---

HAREĠ IL-KTIEB
TIFSIR IL-KLIEM
Fil-"Hrejjef u Stejjer"
ta' Sir Temi Zammit



## KRONAKA TAL-GHAQDA

### KUNGRESS TAD-DJATTOLOĠIJA ĠENERALI F'LOUVAIN U BRUXELLES

Il-Għaqda, b'ittra tas-Segretarju tal-Kumitat ta' l-Organizzazzjoni tal-Kungress mibgħuta fis-7 ta' Diċembru, 1959, ġiet mistiedna biex tieħu sehem fl-Ewwel Kungress Internazzjonali tad-Djalottoloġija Ġenerali li għandu jsir f'Awissu f'Louvain u fi Bruxelles (il-Belġju).

### IS-SUR C. CARUANA (TORONTO — KANADA) JILHAQ KAVALIER

Ngħarrfu bi pjaċir illi s-Sur C. Caruana, B.A. (Lond)., G.S.M. (Chicago), Rappreżentant tal-Kummissjoni Emigranti ta' l-Azzjoni Kattolika Maltija fil-Kanada u Membru Korrispondent tal-Għaqda, ġie mogħti t-titolu ta' "Knight of Graec" mill-Ordni Sovran ta' San Ġwann ta' Ġerusalemm.

### TRIQ ĠDIDA MSEMMIJA GĦALL-KAV. ĠUŻE' MUSCAT AZZOPARDI

Għandna l-pjaċir inħabbru illi waħda mit-triqat ġodda f'Ħal Qormi ġiet imsemmija għal-Kav. Ġużè Muscat Azzopardi. Din it-triq taħbat it-triq il-ġdida li tgħaqqad b'estensjoni Triq San Edwardu ma' Triq il-Vitorja, Ħal Qormi, fejn din tingħaqad ma' Triq tal-Hlas (Notifikaz. tal-Gvern, Nru. 744 ta' l-4 ta' Diċembru, 1959).

Billi kienet l-Għaqda li talbet l-ewwel darba u baqgħet dejjem titlob biex tissemma triq f'Ħal Qormi għall-Kav. Ġużè Muscat Azzopardi, għandna naħsbu li l-Membri tal-Għaqda, bħala tifkira għażiża ta' l-ewwel President tagħha, għandhom jieħdu pjaċir jaraw ix-xewqa tagħhom imwettqa u li l-Gvern għaraf fl-aħħarnett kemm tassew kien jixraq illi l-isem ta' bniedem li għolla u żejjen bil-kitba tiegħu l-ġieħ tal-Lsien Malti jibqa' mfakkar f'art twelidu u fost il-Maltin ħutu.